# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Sittax (16) ta' Ġunju 2020**

**Rikors Numru 1069/2017 FDP**

Fl-ismijiet

**CSMR (1994) Limited (C16452)**

**Vs**

**Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali u għal kull interess li jista' jkollhom L-Avukat Kevan Azzopardi bħala likwidatur tal-kumpannija Robert Damkjaer (Malta) Limited (C 30651); l-Avukat Henri Mizzi sabiex jirrappreżenta lill-kumpanniji esteri ta' nazzjonalita' Daniża Damkjaer International u Robert Damkjaer Limited; Avukat Marisa Vella (397979M) u PL Jean Pierre Busuttil (409171M)**

**Il-Qorti:-**

a. Rat ir-rikors datat 24 ta' Novembru 2017, li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti talbet is-segwenti:

1. *Illi dan ir-rikors qiegħed isir a tenur ta' l-Artikolu 64 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Illi r-rikorrenti, flimkien mal-kumpannija Robert Damkjaer (Malta) Limited, kienet intavolat il-proċeduri fl-ismijiet CSMR (1994) Limited (C-16452) u Robert Damkjaer (Malta) Limited (C-30652) vs Dr. Henri*

*Mizzi sabiex jirrappreżenta lill-kumpanniji esteri ta' nazzjonalita Daniża Damkjaer International u Robert Damlgaer Limited (Rikors Ġuramentat Nru 337/2007AF), liema kawża ġiet deċiża minn dina 1-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta fl-1 ta' Novembru, 2016 fis-sens illi, filwaqt li ċaħdet l-ewwel u t-tielet eċċezzjonjiet u astjeniet milli tikkonsidra t-tieni u r-raba' eċċezzjonijiet, ċaħdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti, b'dana illi ġie deċiż ukoll illi l-ispejjeż għandhom jiġu sapportati mill-atturi fl-intier tagħhom (vide kopja tas-sentenza surreferita annessa u mmarkata Dok A);*

3. *Illi s-soċjeta' rikorrenti appellat mis-sentenza surreferita permezz tar-rikors tal-appell tagħha ta' nhar il-21 ta' Novembru, 2016, u liema appell preżentement għadu pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell u għadu ma ġiex appuntat;*

4. *Illi permezz tal-imsemmi appell tar-rikorrenti, is-soċjeta' rikorrenti talbet lill-Onorabbli Qorti tal-Appell sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza surreferita u tgħaddi sabiex tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimati; għalhekk il-kwistjoni tal-ispejjeż tal-kawża surreferita kurrentement għadha sub judice u għaldaqstant kwalsiasi talba għall-ħlas hija intempestiva in kwantu d-deċiżjoni fuq l-ispejjeż ma tista' qatt titqies bħala finali f'dan l-istadju;*

5. *Illi minkejja dan, nhar l-1 ta' Ġunju, 2017, is-soċjeta' rikorrenti ġiet notifikata b'ittra uffiżjali maħruġa mir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali (Ref Nru 1959/2017), permezz ta' liema l-esponenti ġiet mitluba tħallas is-somma ta' disat elef, tliet mija u disgħa u ħamsin Ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€9,359.36) allegatament dovuti lill-istess Reġistratur intimat bħala drittijiet tar-Reġistratur in konnessjoni mal-kawża surreferita (vide kopja legali tal-ittra uffiċjali surreferita hawn annessa u mmarkata Dok B);*

6. *Illi madanakollu jirriżulta illi l-ebda taxxa ma kienet annessa ma' dik l-imsemmija ittra uffiċjali maħruġa fil-konfront tas-soċjeta' rikorrenti;*

7. *Illi filfatt sa llum il-ġurnata s-soċjeta' rikorrenti għadha ma ġietx regolarment notifikata bit-taxxa b'att ġudizzjarju a tenur tal-Artikolu 64 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

8. *Illi minkejja l-fatt illi t-taxxa de quo baqgħet qatt ma ġiet reża eżegwibbli u l-kawża għadha pendenti l-appell, l-intimat Reġistratur xorta waħda intavola mandati eżekuttivi kontra l-esponenti;*

9. *Illi di piu ma jidhirx illi l-ispejjeż u d-drittijiet professjonali kif intaxxati (vide kopja tat-taxxa relattiva annessa u mmarkata Dok C) huma korretti in kwantu ma jikkonformawx mar-rekwiżiti tal-liġi billi din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fis-sentenza suċitata,*

*effettivament illimitat id-deċiżjoni tagħha fuq ir-responsabbilita' o meno tal-intimati u qatt ma daħlet fil-kwistjoni tal-likwidazzjoni tad-danni; u għalhekk il-kawża surreferita ma kellhiex tiġi intaxxata ad valorem iżda bħala punt ta' dritt;*

*Għaldaqstant, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu bir-rispett illi dina 1-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja, jogħġobha għar-raġunijiet fuq imsemmija u dawk kollha li jistgħu jirriżultaw matul it-trattazzjoni tal-kawża:*

*1. Tiddikjara t-taxxa ta' drittijiet u spejjeż mahduma nhar is-17 ta' April, 2017 fir-rigward tal-kawża fl-ismijiet CSMR (1994) Limited (C-16452) u Robert Damkjaer (Malta) Limited (C-30652) vs Dr. Henri Mizzi sabiex jirrappreżenta lill-kumpanniji esteri ta' nazzjonalita Daniża Damlgaer International u Robert Damkjaer Limited, Rikors Ġuramentat Nru 337/2007AF, bħala erroneja u mhux skond il-Liġi u għalhekk nulla u invalida;*

*2. Tħassar u tirrevoka t-taxxa surreferita;*

*3. Tordna lill-intimat Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali sabiex jerġa' joħroġ taxxa provizzorja pendenti l-eżitu tal-appell intavolat mis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ta' nhar l-1 ta' Novembru, 2016 fl-ismijiet CSMR (1994) Limited (C-16452) u Robert Damkjaer (Malta) Limited (C-30652) vs Dr. Henri Mizzi sabiex jirrappreżenta lill- kumpanniji esteri ta' nazzjonalita' Daniża Damkjaer International u Robert Damkjaer Limited, u dan abbażi ta' punt ta' dritt.*

*Bl-ispejjeż.*

2. Rat illi fil-4 ta' Jannar 2018, l-Avukati Henri Mizzi bħala rappreżentant tal-kumpanniji esteri ta' nazzjonalita' Daniża Damkjaer International u Robert Damkjaer Limited, l-Avukat Marisa Vella u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil, fejn laqgħu għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiżi:

    1. *Illi l-intaxxar kif maħdum mir-Reġistratur intimat huwa korrett stante illi d-danni pretiżi mir-rikorrenti u atturi fil-kawża 337/2007AF, għalkemm ma kinux ġew determinati fir-rikors promutur tal-istess kawża, kienu ġew likwidati fil-mori tal-proċeduri mill-istess rikorrenti. Illi għalhekk, il-valur tad-danni likwidati mir-rikorrenti kien l-oġġett ta' trattazzjonijiet mill-partijiet fil-kawża tul il-mori tal-proċeduri. Għaldaqstant jingħad illi l-valur tad-danni jista' jiġi dedott mill-massa litiġjuża tal-kawża ladarba kien l-oġġett ta' dibattiti, trattazzjonijiet u skritturi ppreżentati matul il-proċeduri.*

*Il-fatt illi l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ma ħassitx il-bżonn li tippronunzja ruħha fuq il-kwistjoni tad-danni ladarba iddeċidiet illi l-esponent nomine ma kienx responsabbli għafl tali danni, bl-ebda mod ma tfisser illi il-kawża ma kellhiex tiġi intaxxata ad valorem għaliex il-valur tad-danni mhux talli kien likwidat mir-rikorrenti tul il-proċeduri iżda talli kien il-bażi tal-provi mressqa u punt fundamentali fin-nota ta' sottomissjonijiet.*

*In vista tas-suespost hija l-umli fehma tal-esponenti illi t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda u t-taxxa kif maħduma mir-Reġistratur għandha tiġi konfermata ladarba t-tassazzjoni għandha tiġi regolata mid-domanda (anke jekk mhux likwidata fir-rikors promutur iżda iktar tard fil-mori tal-kawża) indipendentement mill-fatt jekk it-talbiet proposti mir-rikors għad-deċiżjoni tal-Onorabbli Qorti ġewx finalment milqugħa jew le.*

2. *L-intimati m'għandhomx jeħlu ebda mill-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.*

3. *Salv eċċezzjonijiet oħra jekk ikun il-każ;*

3. Rat illi fl-4 ta' Jannar 2018 ir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali laqa' għal dak mitlub billi ressaq is-segwenti difiżi:

1. *Illi din hija kawża intavolata mill-atturi ai termini tal-Art. 64 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' liema huma qegħdin jittentaw jattakkaw it-taxxa emessa mill-esponenti in segwitu għall-kawża bin-numru 337/2007AF fl-ismijiet CSMR (1994) Limited (C16452) et vs. Avukat Dr Henri Mizzi noe. li ġiet deċiża fl-1 ta' Novembru, 2016.*

2. *Illi l-esponenti jissottometti illi t-talbiet kollha tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt inter alia minħabba dawn ir-raġunijiet:*

   *(I) Illi a kuntrarju ta' dak li qed jgħid l-attur, ir-Reġistratur ma jieħux in konsiderazzjoni il-fatt ta' min ikun rebaħ jew tilef il-kawża meta jitlob id-dritt tar-reġistru, imma d-dritt tar-reġistru dejjem jintalab mingħand min ikun intavola l-kawża, u dan kif jgħid l-Artikolu 4(3) tat-Tariffa A tal-iskeda A annessa mal-Kap. 12 "... ir-Reġistratur tal-Qrati jista' jitlob id-differenza (tal-ħlas tad-dritt tar-Reġistru) mill-parti li tkun għamlet il-kawża..." - hekk għamel f'dan il-każ.*

   *(II) Di piu, indipendentement mill-fatt li f'dan il-każ il-parti telliefa kien l-attur fil-kawża, li sussegwentement ippreżenta appell, ma jwaqqafx lir-Reġistratur milll jiġbor id-drittijiet tiegħu tal-Prim' Istanza għaliex kif ġia' ngħad, dawn huma u jibqgħu dovuti mill-attur. Anke kieku kellha l-Qorti tal-Appell tħassar is-sentenza tal-prim' istanza u tagħti raġun lill-attur, id-dritt tar-Reġistru tal-prim' istanza jibqgħu dovuti lejn ir-Reġistratur mill-attur;*

*(III) Illi, l-esponenti ma jaħdimx it-taxxa abbażi ta' min rebaħ jew tilef il-kawża kif donnu qed jippretendi r-rikorrent, iżda jħdem it-taxxa skont it-talbiet magħmula fir-rikors u dan indipendentement minn jekk it-talbiet tal-attur jiġux milqugħa jew le. Fil-fatt, fil-kawża in kwistjoni, l-atturi kienu talbu lill-Qorti l-likwidazzjoni tad-danni u talbu wkoll li l-intimati jiġu kkundannati jħallsu tali danni. Dawn għandhom, għaldaqstant, jinħadmu ad valorem minħabba l-fatt li t-taxxa tinħadem fuq it-talbiet u l-pretensjonijiet tal-attur meta jkun fetaħ il-kawża.*

*(IV) Fil-fatt la darba kien hemm it-talba għal-likwidazzjoni ta' danni, l-esponent jaħdem it-taxxa skont l-artikolu 14 tat-Tariffa E tal-Kap. 12 li tgħid illi: "Meta dikjarazzjoni li jkun fiha deċiżjoni ta' xi punt ta' liġi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-liġi jew mill-proċess, id-dritt relattivament għal dik id-deċiżjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit" u fil-fatt hekk sar. Il-valur ta' danni li fuqu nħadmet it-taxxa, kien proprju l-valur indikat mill-attur stess fl-affidavit tiegħu a fol 254 u 264 tal-proċess li kien €982,489.*

*(V) Ir-rikorrent, jirreferi wkoll għall-fatt illi meta ntbagħtet l-ittra uffiżjali mir-Reġistratur għall-ħlas tad-dritt tar-Reġistru, ma kienx hemm taxxa annessa. Dan għaliex, it-taxxa li qed jirreferi għaliha r-rikorrenti ma torbotx lill-esponenti, iżda torbot lill-partijiet involuti fil-kawża. Id-dritt tar-Reġistru huwa eżegwibbli permezz tal-artikolu 253(c) tal-Kap 12, u huwa dak id-dritt li ġie notifikat bih ir-rikorrenti fl-ittra uffiċjali datata 29 ta' Mejju 2017. Illi di piu l-atturi kienu notifikati b'avviżi mibgħuta lir-rikorrent qabel ma ġiet intavolata l-ittra uffiċjali u dan għażel li jinjorahom. Għaldaqstant, ir-rikorrenti ġie notifikat permezz ta' att ġudizzjarju li rrenda dan id-dritt tar-Reġistru eżekuttiv.*

*(VI) Illi għandu jingħad illi l-art. 64 tal-Kap 12 li fuqu l-attur qed jibbaża din il-kawża, jiskatta meta kreditur li jkun parti fil-kawża jinnotifika lid-debitur bit-taxxa uffiċjali maħruġa mir-Reġistratur u mhux meta r-Reġistratur jinnotifika lill-attur bid-dritt tar-Reġistru dovut lilu. Jiġi rilevat li r-Reġistratur mhux parti fil-kawża li tagħha qed tintalab ir-ritassa u lanqas jiffigura fit-taxxa uffiċjali li qed tiġi attakkata. Id-dritt tar-Reġistratur, li jitħallas mill-attur, jitnissel mit-Tariffa A u huwa eżegwibbli a bażi tal-fuq imsemmi artikolu 253(c) tal-Kap 12.*

*(VII) Illi l-attur isostni wkoll illi skond it-Tariffa A il-ħlas għandu jsir wara "s-sentenza finali". L-esponent jaqbel ma' dan imma jagħti tifsira differenti minn dik li jagħti l-attur għal kliem "sentenza finali". L-esponent jagħmel differenza bejn "sentenza finali" u "sentenza res judicata". Meta l-leġislatur ried jagħmel referenza għas-sentenza li*

*tkun għalqet il-vertenza kollha dejjem għamel użu mill-kliem "res judicata" imma meta ried ifisser l-aħħar sentenza fi stadju wieħed għamel użu mill-kelma "finali" - hekk illi fl-artikolu 231 jispeċifika: "Jekk diversi kwistjonijiet f'kawża jinqatgħu b'sentenzi separati, jista' jsir appell minn kull waħda minn dawk is-sentenzi wara s-sentenza finali". Jidher ċar illi sentenza finali mhijiex dik li tingħata fl-appell imma fi kwalunkwe stadju. L-attur f'din il-kawża jrid li d-dritt tar-reġistru jinġabar wara s-sentenza res judicata u dan il-liġi ma tgħidux.*

*(VIII) Illi finalment bil-qima jingħad illi l-attur ma ġab ebda raġuni valida għaliex il-qorti għandha tibdel it-taxxa jew li l-ammont reklamat mir-Reġistratur m'għandux jitħallas.*

*3. Illi għal dawn ir-raġunijiet it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.*

*4. Salvi, jekk ikun il-każ, eċċezzjonijiet ulterjuri.*

4. Rat illi fit-30 ta' Jannar 2018, Dr Kevan Azzopardi, bħala Riċevitur Uffiċjali u stralċarju tal-kumpannija xolta Robert Damkjaer (Malta) Limited, laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

1. *Illi preliminarjament l-esponenti jirrileva l-kumpannija Robert Damkjaer (Malta) Limited (C 30651) ġiet xolta permezz ta' sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta tal-1 ta' Novembru 2012 - Rikors 785/2008MH, u l-esponenti Riċevitur Uffiċjali nħatar bħala stralżarju tal-imsemmija kumpannija. Sussegwentement l-esponenti ġie notifikat bir-rikors ġuramentat u bl-appuntament għas smiegħ ta' l-istess rikors;*

   *Ai termini tai-Artiklu 224(2) tal-Kap. 386, ma' l-għemil ta' ordni għal stralċ "no action or proceeding shall be proceeded with or commenced against the company or its property" ħlief bil-permess tal-Onorabbli Qorti, u tali azzjoni jew proċeduri ikunu soġġetti għal dawk il-kondizzjonijiet li tista' timponi l-Onorabbli Qorti kif jidrilha xieraq fil-każ partikolari. Minn imkien fl-atti ta' din il-kawża ma jirriżulta li r-rikorrenti talab u ottjena xi permess mill-Onorabbli Qorti biex jipproċedi ġudizzjarjament bil-kawża odjerna. Għaldaqstant fl-umli fehma tal-esponenti din it-talba hija irregolari u ma tistax tiġi istitwita jew titkompla kontra l-kumpannija xolta jew il-likwidatur tagħha;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jirrileva li l-intaxxar klf maħdum mir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali intimat huwa korrett stante li d-danni pretiżi mir-rikorrenti u atturi fil-kawża 689/2011MH għalkemm ma kinux ġew determinati fir-rikors promutur tal-istess kawża, kienu ġew likwidati fil-mori tal-proċeduri mill-istess rikorrenti. Il-valur tad-danni likwidati mir-rikorrenti kien l-oġġett ta'*

*trattazzjonijiet mill-partijiet fil-kawża tul il-mori tal-proċeduri. Għaldaqstant jingħad li l-valur tad-danni jista' jiġi dedott mill-massa litiġjusa tal-kawża la darba dan kien l-oġġett ta' dibattiti, u skritturi ppreżentati matul il-proċeduri.*

*Il-fatt li dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta, ma ħassitx il-bżonn li tippronunċja ruħha fuq id-danni, għalkemm ippronunzjat ruħha dwar ir-responsabbilta', m'għandux ifisser li tali kawża ma kelliex tiġi ntaxxata ad valore, peress li valur tad-danni mhux talli kien ġie likwidat fil-mori tal-proċeduri, iżda dan kien il-bażi tal-provi mressqa u punt fondamentali fin-nota ta' sottomissjonijiet. Isegwi li t-taxxa kellha tinħadem fuq it-talbiet, anke jekk id-danni ma kinux likwidati fir-rikors promutur iżda fil-mori tal-kawża, u dan irrispettivament mill-fatt jekk it-talbiet tal-attur intlaqġħux minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta;*

*Għaldaqstant in vista tas-suespost, fl-umli fehma tal-esponenti it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda;*

3. *Illi fi kwalunkwe każ, l-esponenti m'għandux ibagħti l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri;*

4. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

5. Rat illi fid-9 ta’ Mejju 2018 xehed Mark Ellul Sullivan, Managing Director tas-soċjeta’ rikorrenti. (fol 50)

6. Rat illi fis-17 ta’ Ottubru 2018 il-partijiet qablu illi kellha tiġi kkunsidrata u deċiża, l-ewwel u qabel kollox, l-ewwel eċċezzjoni ta’ l-intimat Dr Kevan Azzopardi, u għalhekk il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali fuq tali eċċezzjoni.

7. Rat illi fl-1 ta’ Frar 2018, l-intimati Dr Henri Mizzi, Dr Marisa Vella u l-PL Jean Pierre Busuttil ippreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub.

8. Rat illi fit-28 ta’ Frar 2019 is-soċjeta’ rikorrenti CSMR (1994) Limited ippreżentat is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub.

9. Rat illi dina l-Qorti, kif ippresjeduta, ħadet konjizzjoni ta’ dana il-każ fil-15 ta’ Ottubru 2019.

10. Rat illi fis-6 ta’ Novembru 2019 l-intimat Dr Kevan Azzopardi ippreżenta s-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub.

11. Rat illi fis-7 ta’ Novembru 2019, għalkemm il-kawża odjerna kienet ilha għas-sottomissjonijiet bil-miktub għal aktar minn sena, l-konsulenti legali tal-partijiet ħassew illi kellhom ukoll jittrattaw il-każ oralment.

12. Semgħet it-trattazzjoni finali ta l-avukati tas-soċjetà rikorrenti u ta' Dr Kevan Azzopardi mogħtija fl-10 ta' Diċembru 2019.

13. Rat illi wara dakinhar il-kawża tħalliet għas-sentenza.

14. Rat illi fis-16 ta' Jannar 2020, is-soċjetà rikorrenti ippreżentat kopja informali ta' deċiżjoni ta' dina l-Qorti, diversament ippresjeduta, f'kawża simili għal dik odjerna, ossija Mark Ellul Sullivan et vs Reġistratur, Qrati Ċivili u tribunali et (Rik Nru 1068/17 MH), deċiża fil-15 ta' Jannar 2020, fejn eċċezzjoni identika għal dik imqajjma mill-intimat Dr Kevan Azzopardi, ġiet minn dik il-Qorti deċiża wkoll.

15. Rat illi minħabba fl-egħluq tal-Qorti minħabba fil-pandemija Covid-19, il-Qorti ma setgħetx tippronunzja ruħha qabel illum.

**Fatti**

16. Jirriżulta illi s-soċjetà rikorrenti, CSMR (1994) Limited, flimkien mas-soċjetà Robert Damkjaer (Malta) Limited kienet intavolat il-kawża fl-ismijiet *CSMR (1994) Limited (C-16452) u Robert Damkjaer (Malta) Limited (C-30652) vs Dr. Henri Mizzi sabiex jirrappreżenta lill-kumpanniji esteri ta' nazzjonalità Daniża Damkjaer International u Robert Damlgaer Limited* (Rikors Ġuramentat Nru 337/2007AF), liema kawża ġiet deċiża kontra s-soċjetà rikorrenti fl-1 ta' Novembru, 2016 bl-ispejjeż kontra tagħha.

17. Is-soċjetà rikorrenti intavolat appell minn tali deċiżjoni, li għadha ma ġietx appuntata.

18. Nel frattemp, fl-1 ta' Ġunju 2017, l-intimat Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali bagħat Ittra Uffiċjali lis-soċjetà rikorrenti fejn intimaha sabiex tħallas it-Taxxa ta' disat elef, tlett mija u disgħa u ħamsin Euro, u sitta u tletin ċenteżmu (€9,39.36) kif maduma mill-istess Reġistratur. U sussegwentement intavola Mandat kontra tagħha wkoll.

19. Is-soċjetà rikorrenti, in vista ta' dan, ippreżentat il-proċeduri odjerni sabiex tħassar u tirrevoka t-taxxa, u dana għar-raġunijiet segwenti:

    a. Illi ebda Taxxa ma ġiet annessa mal-Ittra Uffiċjali 1959/2017 u għalhekk għadha ma ġietx regolarment notifikata bit-taxxa;
    b. Illi t-taxxa kif maħduma ma hijiex korretta stante illi l-Qorti llimitat id-deċiżjoni tagħha fuq ir-responsabbiltà' u qatt ma daħlet fil-kwistjoni tal-likwidazzjoni tad-danni u għalhekk ma kellhiex tiġi intaxxata ad valorem.

20. L-intimati kollha oġġezzjonaw għat-talbiet kif dedotti.

21. L-intimat Dr Kevan Azzopardi, fil-kapaċità tiegħu ta' Riċevitur Uffiċjali u stralċarju tal-kumpannija xolta Robert Damkjaer (Malta) Limited, apparti l-

eċċezzjonijiet imqajjma mill-intimati l-oħra, qajjem eċċezzjonijiet preliminari illi l-partijiet ħassew kellha tiġi deċiża qabel il-kawża titkompla.

22. Jirriżulta illi l-eċċezzjoni ta' Dr Kevan Azzopardi, bħala Riċevitur Uffiċjali, hija msejsa fuq l-Artikolu 224 (2) tal- Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, ossija l-Att dwar il-Kumpanniji, liema Artiklu jgħid dan li ġej:

> *(2) Meta jkun sar ordni għal stralċ jew ikun inħatar amministratur provviżorju, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 228, ma tista' tittieħed ebda azzjoni jew jinbdew xi proċeduri kontra l-kumpannija jew il-proprjetà tagħha ħlief bil-permess tal-qorti u taħt dawk il-kondizzjonijiet li tista' timponi l-qorti.*

23. Jirriżulta illi l-intimat Dr Kevan Azzopardi, bħala Riċevitur Uffiċjali jikkontendi illi, ladarba s-soċjetà rikorrenti CSMR (Malta) Limited qiegħda tipproċedi fil-konfront tas-soċjetà stralċjata Robert Damkjaer (Malta) Limited, fost nies oħra, hija kellha tottjeni l-permess tal-Qorti qabel ma bdiet il-kawża odjerna, liema permess hija qatt ma ottjeniet.

24. Jirriżulta mhux kkontestat illi s-soċjetà rikorrenti qatt ma ottjeniet permess kif indikat minn Dr Kevan Azzopardi, bħala Riċevitur Uffiċjali, u kif indikat fl-Artikolu 224 (2) tal-Kap 386 fuq ikkwotat.

25. Jirriżulta illi huwa fuq dan il-punt illi l-Qorti intalbet tagħti sentenza preliminari.

## Konsiderazzjonijiet

26. Jirriżulta illi eċċezzjoni identika għal dik mqajjma mir-Riċevitur Uffiċjali tqajjmet ukoll quddiem dina l-Qorti, diversament ipresjeduta, f'kawża oħra li jinkludu l-istess partijiet, ossija Rik Nru 1068/17 fl-ismijiet 'Mark Ellul Sullivan et vs Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunal et'.

27. Jirriżulta illi fil-kawża fuq imsemmija, il-Qorti għaddiet biex għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

> *Il-Qrati tagħna kkummentaw hekk dwar il-portata ta' dan l-artikolu tal-liġi:*
>
> ***1. Av. Mark Refalo noe vs European Insurance Group deċiża fit-28 t'Ottubru 2014 -***
>
> *"14. Illi l-istess artiklu għalhekk jiddetermina li bħala kondizzjoni sive quo non, meta f'każ li kumpanija tkun fi stat ta' stralċ kif stabbilit fl-artiklu 228 tal-Kap 386 tal-istess Liġijiet fuq indikati, ġie*

*stabbilit statutorjament li l-ordni pubbliku jirrikjedi li kwalunkwe azzjoni ġudizzjarja kontra tali kumpanija tirrikjedi l-lat preventiv jew l-awtorizzazzjoni speċifika tal-qorti qabel ma tkun tista` tiġi intavolata kwalunkwe azzjoni fir-rigward;*

*15. Illi għalhekk għandu jkun paċifiku li l-ordni loġiku awtorizzat f'każijiet bħal dan hu li l-ewwel ikun hemm l-istralċ ta' kumpanija fejn kreditur l-ewwel jitlob li jkun awtorizzat minn qorti biex jaġixxi kontra l-istess kumpanija in tutela tad-drittijiet tiegħu u biss wara li jkun hekk debitament awtorizzat, ikun jista` jadixxi il-qorti biex jipproteġi l-interess tiegħu;*

*16. Illi hi l-konsiderazzjoni ta' din il-qorti li tali salvagwardja hi kawtela neċessitata mill-ordni pubbliku, li din il-qorti bl-ebda mod ma tista` tinjora;*

*17. Illi għalhekk, li kreditur jadixxi lill-qorti qabel ma jkun hekk debitament awtorizzat, ikun qed jilledi l-artiklu 224 (2) tal-Att dwar il-Kumpaniji u per konsegwenza, l-azzjoni minnu intavolata mhux biss tkun illeġittima, iżda tkun ukoll illegali u konsegwentement inutili;"*

***2. F. House Investment Ltd vs D.A. Holdings Ltd deċiża fis-7 ta' Marzu 2018 -***

*"11. Illi jiġi osservat li l-imsemmi sub-artiklu japplika għal kull azzjoni jew proċedura li tista' tiġi inizjata fir-rigward, u konsegwentement hu wkoll applikabbli għal dawk il-mandati li jiġu ppreżentati u li jinħarġu wara li s-soċjeta` in kwistjoni tkun ġiet iddikkjarata xolta, proprju bħal ma hu fil-każ in diżamina;*

*12. Illi ssir ukoll referenza għas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti** Ċivili fl-ismijiet **Banif Bank (Malta) p.l.c.** vs. **Cassar & Schembri (Marketing) Limited et**, datata l-**21 t'April, 2016**, li tirriafferma li:*

> *"... l-imsemmi artikolu 224 (2) jirreferi għal kawżi jew azzjoniijiet ġudizzjarji li jittieħdu **kontra** kumpanija li tkun tqiegħdet fi proċedura ta' stralċ ... Il-kliem tal-liġi jidher li jagħmilha ħaġa ċara li hu maħsub biex iħares lil kumpanija li tkun għaddejja minn proċess ta' stralċ ... milli jinfetħu kontriha kawżi jew jittieħdu kontriha*

*proċeduri b'qorti ... il-leġislatur tagħna, għall-kuntrarju, jidher li għażel li dik l-awtorizzazzjoni trid tinkiseb biss fil-każ fejn il-kumpanija mħarrka tkun fi proċess ta' stralċ";*

***3. Malta Development Corporation għan-nom u in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta vs Paul Mercieca bhala stralċjarju għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' Malta Stone Limited deċiż fil-25 ta' Marzu 2002 -***

*"Illi m'hemmx dubju li l-azzjoni odjerna ġiet intavolata mingħajr ma ntalbet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, wara li saret l-ordni ta' stralċ u hija azzjoni kontra l-kumpanija u l-proprjeta' tagħha.* ***Il-kwistjoni f'dan l-istadju hija għalhekk jekk is-soċjeta' attriċi tistax tissana l-posizzjoni tagħha billi titlob l-awtoriżazzjoni tal-Qorti f'dan l-istadju.***

*Illi l-Artikolu 224 (2) huwa identiku għall-**Artikolu 130 (2) tal-Insolvency Act Ingliża**, liema Artikolu jgħid hekk "When a winding-up order has been made or a provisional liquidator has been appointed, no action or proceeding shall be proceeded with or commenced against the company or its property, except by leave of the court and subject to such terms as the court may impose". In vista ta' dan il-fatt tista' ssir riferenza għal ġurisprudenza tal-Qorti Ingliża u għall-insenjament ta' awturi Ingliżi in kwantu jirrigwarda l-interpretazzjoni ta' dan l-Artikolu.*

*Illi Ian Fletcher f' "**The Law of Insolvency" (Sweet & Maxwell 1998) pg. 501**, jispjega li "the fundamental principle upon which winding up is based is the collective nature of proceedings. The objective underlying the relevant legal provisions is to ensure that an orderly regime is imposed upon all interested parties, so that none of them individually may contrive to enhance his position by exploiting some fortuitous circumstance which may yield some personal advantage, in the form of a larger proportional return on debts which are due, or a direct and more rapid recovery of payment, than would result from participated in the processes of the winding up, and receiving dividend in common with all other creditors whose debts carry an equal ranking in order of priority". Aktar il-quddiem dan l-awtur ikompli jgħid li "In order to ensure that the above objective is achieved the law establishes a series of barriers to the exercise by a company of its normal rights and remedies when it is*

*prospectively or actually in litigation. By this means, the remaining assets of the company are maintained intact so that they may be administered in accordance with the principles of insolvency law".*

*Illi fil-każ odjern, is-soċjeta' attriċi ma tistax tiġi definita bħala kreditur tal-kumpanija, iżda l-azzjoni odjerna tirrigwarda proprjeta' tal-kumpanija liema proprjeta' tidher li tikkostitwixxi waħda mill-assi prinċipali tal-istess kumpanija u għalhekk jiskatta l-prinċipju hawn fuq imsemmi.*

*Illi la darba stabbilit x'seta' kien il-ħsieb tal-leġislatur wara l-Artikolu 224 (2), wieħed irid jeżamina wkoll il-kwistjoni ta' x'jiġri meta tintalab l-Awtoriżazzjoni tal-Qorti sabiex jiġu istitwiti proċeduri jew jitkomplew proċeduri kontra l-kumpanija li jkun inħareġ ordni ta' stralċ fil-konfront tagħha. Mill-interpretazzjoni li taw il-Qrati Ingliżi tal-Artikolu in diżamina, jidher li huma rritenew li għandhom diskrezzjoni pjuttost wiesgħa sabiex jiddeċiedu meta u f'liema ċirkostanzi għandhom iwaqqfu jew jordnaw il-proċeduri ta' azzjonijiet kontra l-kumpanija li jkunu jew għad iridu jiġu ntavolati jew inkella li jkunu diġa' ġew intavolati meta tingħata l-ordni ta' stralċ.*

> *"In determining whether, in a compulsory liquidation, leave should be given to proceed with a claim, the court has an extensive discretion, it is free to do what is right and fair in the circumstances (**Re Aro Ltd –1980 Ch. 196 at p. 209**).*
>
> *"Generally leave will only be given where some question arises that cannot properly be determined in the winding up and where litigation is needed to resolve matters" (**Re Exchange Securities & Commodities Ltd (1983) BCLC 186**".*
>
> *"There are several circumstances where, generally, the court will allow the action to proceed. One is when the plaintiff is seeking to enforce his security, because a secured creditor is in a position where he can fairly claim that he is independent of the liquidation, since he is enforcing a right, not against the company, but to his own property. "*
>
> ***(Re: David Lloyd & Co (1877). "**Leave will readily be given if the plaintiff undertakes not to enforce against the company any judgment he may obtain, without leave of the court". **(Re Barrow (Leeds) Ltd 1982. Ara: Michael Forde f' "The Law of Company Insolvency" – paġna 172.)***

> *Fejn il-Qrati Ingliżi ma jagħtux awtoriżazzjoni sabiex kreditur jistitwixxi proċeduri jew ikompli proċeduri li jkunu nbdew qabel ma tingħata l-"winding up order", huma jordnaw l-"stay of proceedings".*
>
> *Illi l-eċċezzjoni li qed tingħata hija waħda ta' intempestivita', u la darba l-Artikolu 224 fit-test Ingliż jgħid "no action shall be proceeded with or commenced", wieħed jista' jargumenta li dan jimplika li l-awtorżazzjoni tista' tintalab anki wara li l-proċeduri jkunu nbdew.*
>
> *Il-Qorti għandha diskrezzjoni wiesgħa u ampja fid-deċiżjoni jekk tikkonċediex l-awtorizzazjoni sabiex wieħed jipproċedi bl-azzjoni. L-interpretazzjoni tas-subinċiż (2) tal-Artikolu 224 għandha tkun fis-sens li l-awtoriżazzjoni tista' tintalab anke wara li jkunu ġew intavolati l-proċeduri. Dan qed jingħad anki minħabba l-fatt li l-konsegwenzi li jistgħu jsofru l-kredituri tas-soċjeta' konvenuta ma jistgħux jiġu effetwati bl-ebda mod fl-eventwalita' li tintalab l-awtoriżazzjoni tal-Qorti f'dan l-istadju. Il-pożizzjoni tagħhom, li kieku ntalbet tali awtoriżazzjoni qabel ma ġew intavolati l-proċeduri odjerni, kienet tkun identika, fis-sens illi f'dan l-istadju l-Qorti għad għandha diskrezzjoni wiesgħa sabiex tiddeċiedi jekk tikkonċediex l-awtoriżazzjoni sabiex dawn il-proċeduri jitkomplew jew altrimenti tagħti provvedimenti oħra sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi tal-kredituri tal-kumpanija - per eżempju li ma tiġix reża eżegwibbili s-sentenza mingħajr il-permess tal-Qorti."*

*Mill-prinċipji ġurisprudenzjali suesposti jemerġi li l-għan tal-leġislatur wara din id-dispożizzjoni tal-liġi huwa sabiex ma jiġux preġudikati u jiġu salvagwardjati u konservati l-assi tal-kumpanija nvoluta fil-proċess ta' stralċ minn azzjonijiet ta' kredituri. Huwa għalhekk li l-Qrati għandhom diskrezzjoni wiesgħa biex jevalwaw jekk għandux jiġi konċess il-permess lill-kredituri ta' tali kumpanija sabiex jipproċedu kontriha.*

*Applikati dawn il-prinċipji għall-każ tal-lum il-Qorti hija tal-fehma li l-eċċezzjoni preliminari mressqa mir-Riċevitur Uffiċjali u stralċjarju tal-kumpanija xolta Robert Damkjaer (Malta) Limited mhijiex ġustifikata.* ***Hemm distinzjoni netta bejn iċ-ċirkustanzi tal-proċeduri odjerni u ċ-ċirkustanzi koperti bl-applikazzjoni tal-artikolu 224 (2) tal-Kap 386.*** *Dan għaliex kif jirriżulta mill-premessi u t-talbiet tal-każ odjern,* ***l-azzjoni tal-atturi hija purament waħda ta' ritassa.*** *L-ilment tagħhom huwa marbut biss mat-talba għall-ħlas tas-somma ta' €10,278.00 li saret b'ittra uffiċjali*

> ***lil CSMR (1994) Ltd*** *mir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali bħala drittijiet tar-Reġistratur in konnessjoni tat-taxxa maħruġa fil-kawża Rik Nru 689/11 fl-ismijiet Mark Ellul Sullivan et vs Avukat Dr Henri Mizzi noe et. Infatti* ***t-talbiet kollha tal-atturi huma*** ***<u>direttament u unikament diretti lejn Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali</u>****. Imbagħad, kif jirriżulta anke mill-okkju tal-kawża, l-konvenuti l-oħra, nkluż l-avukat Kevan Azzopardi bħala l-istralċjarju tal-kumpanija xolta Robert Damkjaer (Malta) Ltd ġew imħarrkin biss "għal kull interess li jista' jkollhom." Ma hemm għalhekk ebda kwistjoni quddiem il-Qorti li tirrikjedi l-permess tagħha qabel ma tittieħed azzjoni kontra l-kumpanija rappreżentata mill-istralċjarju. Dan peress li fl-ewwel lok it-talba għall-ħlas mir-Reġistratur li skattat il-proċeduri odjerni saret kontra kumpanija oħra, u cioe' CSMR (1994) Ltd, u mhux kontra dik li qiegħed jirrapreżenta l-istralċjarju, u fit-tieni lok, l-effett aħħari tal-proċeduri odjerni f'każ ta' eżitu favorevoli għall-atturi huwa għal massimu li r-Reġistratur tal-Qorti jerġa' jiġi ordnat jagħmel ritassa u xejn aktar. Fil-kawża odjerna ma hemm għalhekk ebda talba diretta lejn l-assi tal-kumpanija li qiegħed jirrapreżenta l-istralċjarju Dr Azzopardi u għaldaqstant il-kriterji tal-artikolu 224 (2) tal-Kap 386 ma humhiex sodisfatti.*

28. Jirriżulta illi dina l-Qorti ftit li xejn għandha x'iżżid mal-ħsibijiet u konklużjonijiet eruditi espressi mill-Qorti, diversament ippresjeduta, fil-kawża fuq imsemmija.

29. Huwa ċar illi t-talba tar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali, hija indirizzata **<u>unikament</u>** fil-konfront tas-soċjetà CSMR (1994) Limited, u ma hemm ebda pretensjoni illi b'xi mod taffettwa negattivament lis-soċjetà li ġiet stralċjata,ossija Robert Damkjaer (Malta) Limited, li fil-konfront tagħha r-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali, permezz tal-Ittra Uffiċjali 1959/2017, ma huwa qiegħed jipproponi ebda azzjoni li b'xi mod tista' teffettwaha.

30. Għalhekk, ladarba l-ebda talba hija diretta lejn l-assi tal-kumpannija stralċjata, d-dettam u r-rikjesti stabbiliti fl-Artikolu 224 (2) tal-Kap 386 ma japplikawx fil-każ odjern.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-istralċarju tal-kumpannija Robert Damkjaer (Malta) Limited u tordna l-prosegwiment tal-kawża.

Il-Qorti tosserva illi mid-dokumentazzjoni kollha prodotta quddiem dina l-Qorti, ma jinħtieġ ebda provi u/jew xhieda oħra jiġu ppreżentati, u għalhekk qiegħda tordna l-egħluq tal-provi u tordna lir-rikorrenti sabiex jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub dwar il-meritu sa' żmien xahar mil-lum, bil-visto lill-kontro parti.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**